**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Każ Nru.:981/25

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Osman Omar**

(detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 137758A)

**Illum, it-12 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Osman Omar**, ta' għoxrin sena (20), bin Hussein Omar u Lula xebba Hassan, ta' nazzjonalità Somala, imwieled l-Pietà, Malta, fit-tieni (2) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), iddikjarat residenti ġewwa 110, Triq Dun Marju, Hal-Qormi, Malta u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 137758A u f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużat talli fil-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax-il (12) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-ġimghat u/jew xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, biegħ jew xort' oħra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu

8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, **liema droga instabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex:

1. Kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tordna wkoll il konfiska tal-oġġetti kollha esebiti ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. *Pendente lite* tordna ‘Ordni ta’ Qbid u Iffriżar’ u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputat jew huma propjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jwiegħed, jipoteka jew ibiddel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà tal-akkużat jew inkella miżmuma minnu, fit-termini tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u ċioe taħt tal-artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Medċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta’ dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta’ dak ir-rikavat kif ukoll il-konfiska ta’ kull proprjetà li tappartjeni lilu, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta’ xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta; tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta; tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta’ Malta.
4. Kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem

kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali a tenur tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22, tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema ordnat li l-qua imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali [1] sabiex iwieġeb għall-akkużi odjerni;

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat jiddikjara u sussegwentament jerġgħa jikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li l-Qorti tatu żmien sabiex jerġa lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spejgatlu il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu.

Semgħet lill-uffiċjal prosekutur jirtira t-talba għall-iffriżar u l-konfiska tal-assi tal-imputat;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-partijiet kollha qablu lil-piena fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern għandha tqarreb lejn il-minimu;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura gravi tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati inkluż il-fatt li l-imputat ser jinsab ħati tal-aggravju tal-mitt metru minn post fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ u għaldaqstant il-piena, a tenur tat-tieni proviso tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, trid tiżdied bi grad. B'hekk il-minimu erogabbli f'dan il-każ huwa ta' disa' xhur flimkien ma' multa. Madanakollu din il-Qorti qieset ukoll l-ammont ta' droga li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu (circa 5 grammi mqassma f'erba' sachets u biċċa żgħira ferm ta' raża tal-cannabis), il-fedina penali tal-imputat li hija waħda netta, l-ammissjoni tiegħu fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni kif ukoll il-ko-operazzjoni sħiħa tiegħu mal-pulizija fl-iter tal-investigazzjonijiet konnessi minnhom.

[1] Dok. JC

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jindikaw li għandha tiġi erogata piena lejn il-minimu stabbilit fil-liġi.

Għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 8(d); 8(e); 8(a); 22(1)(a); 22(1B); 22(1D); 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tas-subartikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat Osman Omar ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tikkundanah għall-piena ta' għaxar xhur priġunerija effettiva flimkien ma' multa ta' ħames mitt Ewro.

Din il-Qorti  qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ordni ta' konfiska ġaladarba din ġiet irtirata mill-prosekuzzjoni u anke wara li ħadet kont tal-kwantita minima tad-droga nvoluta fil-każ odjern kif ukoll qed tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħlas ta' danni u spejjeż peritali ġaladarba mill-atti proċesswali ma jidhirx li ġew inkorsi la danni u wisq inqas spejjeż peritali, b'dan ta' l-aħħar tenut kont l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Din il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti a tenur tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u fl-aħħar net, il-Qorti qeghda tordna ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga (Dok JC5 u JC6), hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

______________________________

Maġistrat Dr. Elaine Rizzo

______________________________

Christine Farrugia

Deputat Reġistratur